# Assessjar tal-Malti għall-Barranin

# Is-Seba' Sena – Rotta 1

# Sillabu 2018

| **Assessjar Formattiv 40%** | |
|---|---|
| Skont il-kisbiet mit-tagħlim: | |
| **It-Taħdit** (10 marki)<br><br>$\frac{\text{Il-marka globali li ġab l-istudent}}{\text{Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa}} \times 10$ | **4 taħriġiet**<br><br>• Niddeskrivi lili nnifsi jew lill-familja tiegħi jew l-akbar ħabib tiegħi u ngħid x'jogħġobni u ma jogħġobnix. (K4) (K7)<br>• Nagħti struzzjonijiet ħfief waqt logħba/ attività fi grupp. (K2)<br>• Nagħti direzzjonijiet ħfief biex ngħin lil xi ħadd jasal minn post għall-ieħor fil-klassi, fl-iskola eċċ. (K3)<br>• Nuża n-numri l-ħin jew x-xhur fi preżentazzjoni qasira marbuta ma' waħda mit-temi li studjajt<br>eż: Id-dar tiegħi;<br>Meta mort niekol f'ristorant;<br>L-istaġun favorit tiegħi (K7) (K8) |
| **Is-Smigħ** (10 marki)<br><br>$\frac{\text{Il-marka globali li ġab l-istudent}}{\text{Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa}} \times 10$ | **4 taħriġiet**<br><br>• Attività f'forma ta' logħba fil-klassi fejn l-għalliema jagħtu struzzjoni u l-istudent juri li fehemhom. (K2)<br>• **2** Eżerċizzji ta' fehim mis-smigħ (wieħed irrekordjat u ieħor bit-taħdit) bl-użu ta' kliem skont it-temi u li jinkludu kliem marbut ma' ħin, xhur u staġuni.(K4) (K6) (K7)<br>• Kitba ta' punti ewlenin meħuda minn smigħ ta' rapport jew avviż. (K10) |

| | |
|---|---|
| **Il-Qari** (10 marki)<br><br>Il-marka globali li ġab l-istudent<br>―――――――――――――<br>Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa<br><br>X 10 | **4 taħriġiet**<br><br>• Qari mgħajjat ta' numri li ma jkunux miktuba fi kliem. (K2)<br>• **2** eżerċizzji ta' fehim mill-qari ħafif marbut mat-temi mgħallma fejn l-istudenti juru x'fehmu billi jagħżlu t-tajba jew jgħidu hux veru jew falz. (K7)(K8)<br>• Qari mgħajjat ta' test mibni fuq sentenzi qosra skont it-temi mgħallma b'attenzjoni għall-għeliem tal-Malti i l-punteġġjatura. (K4) |
| **Il-Kitba** (10 marka)<br><br>Il-marka globali li ġab l-istudent<br>―――――――――――――<br>Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa<br><br>X 10 | **4 taħriġiet**<br><br>• Mili ta' formola (K4)<br>• Kitba ta' lista ta' 10 affarijiet marbuta mat-temi li tgħallimt dwarhom.<br>Eż: 10 biċċiet ħwejjeġ li npoġġi fil-bagalja.<br>10 annimali li nara fir-razzett<br>10 tipi ta' ikel li nħobb niekol (K5)<br>• Kitba ta' frażijiet sempliċi bi kliem għaqqiedi dwar it-temi li nkun studjajt.(K5)<br>• Kitba ta' frażijiet dwar ix-xewqat tiegħi. (K9) |